

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-għoti ta' allowance doppja għall-ulied dipendenti skont l-Artikolu 67(3) tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni tal-Kap tal-Unità tad-Drittijiet Individwali tal-4 ta' Awwissu 2008, li tillimita d-dritt tar-rikorrent għall-għoti ta' allowance doppja għall-ulied dipendenti għall-kundizzjoni li "l-ispejjeż speċifiċi kollha rikjesti min-natura tad-diżabbiltà u li jkunu għadhom jinkombu fuq" ir-rikorrent ikunu ta' iktar minn EUR 333,19 fix-xahar, kif ukoll id-deċiżjoni tal-24 ta' Ottubru 2008 tal-Kap tal-Unità tad-Drittijiet Individwali, li f'dan il-każ tirrifjuta l-għoti ta' allowance doppja, kif dawn ġew ikkonfermati wara l-ftuħ mill-ġdid tal-fajl permezz tad-deċiżjoni tal-Kap tal-Unità tad-Drittijiet Individwali tal-5 ta' Diċembru 2011, li min-naħa tagħha għet ikkonfermata permezz tad-deċiżjoni tal-20 ta' Lulju 2012 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent, innotifikat lil dan tal-aħħar fit-23 ta' Lulju 2012;

— tikkundanna lil Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2012 — ZZ vs EMCDDA**

(Kawża F-148/12)

(2013/C 71/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

*Konvenut:* Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)

**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni li tistabbilixxi r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni tad-9 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi r-rapport ta' evalwazzjoni 2012, li jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011;

— sa fejn huwa neċessarju, tannulla d-deċiżjoni impliċita tas-26 ta' Ottubru 2012 tal-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti, li tiċħad it-talba tar-rikorrent intiża għar-reviżjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu tal-2012;

— tikkundanna lill-EMCDDA għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-152/12)

(2013/C 71/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni li jsir il-kalkolu tal-akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz abbażi ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2012 li takkredita d-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrenti qabel id-dħul fis-servizz tiegħu fil-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(2), tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;

— sa fejn hemm bżonn, jannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tiegħu tat-3 ta' Settembru 2012 kontra d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-akkreditazzjoni tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz tiegħu fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2012 — ZZ vs SEAE**

(Kawża F-154/12)

(2013/C 71/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: F. Parrat, avukat)

*Konvenut:* Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna